**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Mejju 2022**

Rikors Numru: 96/22 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 1379/2017)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti zzewgu gewwa Malta fit-8 ta' Lulju 2017 u dana skond kif jirrizulta mill anness certifikat taz-zwieg. (Dok A).
2. Illi sussegwentament il-kontendenti sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Settembru 2021 in atti tan-Nutar Nicholas Briffa (Dok B).

3. Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni l-kontendenti ddikjaraw li huma kien ilhom separati 'de facto' sa mit-12 ta' Dicembru 2020.

4. Illi ma tezisti ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemmx pendenzi bejniethom li jirrigwardaw manteniment fil-konfront ta' xulxin personalment.

5. Illi l-esponenti tixtieq li tikseb id-divorzji mill-intimat u tirriverta ghall-kunjom xbubitha u cioe' 'D'Amato', u ghalhekk inbdew dawn il-proceduri.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti w dana ai termini tal-artikolu 66A et seq. tal-Kapitou 16 tal Ligijiet ta' Malta w taghti dawk il-provedimenti kollha opportuni fic-cirkostanzi.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jikkonferma bil-gurament il-kontenut tal-affidavit ta' Charlene Cilia u jiddikjara li m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talba tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Marzu, 2022;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Settembru 2021 u *de* facto separati mit-12 ta' Dicembru 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti qegħda titlob li tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe` "D'Amato". Il-Qorti tilqa' t-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jieħu l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.